**MINUTI tas-Seduta Nru. 34/09**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Zebbug**

**Data: L-Erbgha, it-22 ta' April 2009**

**Hin: Fit-8.30 ta' filghodu**

**Prezenti ghall-laqgha:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Vici Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Ezekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgha s-Sindku Carmelo Saliba.

Intqalet talba mis-Sindku u nghata bidu ghall-laqgha.

## Approvazzjoni tal-Minuti 33/09

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 33/09 gew cirkulati minn qabel, dawn gew meqjusa bhala moqrija.

Is-Sindku talab ghal xi korrezzjonijiet li setgha kien hemm ghall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet ghall-minuti.

Is-Sindku talab ghall-approvazzjoni tal-minuti kif ipprezentata u staqsa ghal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minhabba li kien jidher li kulhadd kien favur, dawn il-minuti gew approvata u ffirmata.

## Punti li johorgu mill-minuti 33/09

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Dwar ic-cint tal-Qbajjar, impjegat tat-Taqsima Beach Cleaning li kien prezenti ghall-laqgha ssuggerixxa li minflok *water paint* tintuza tahlita ta' siment abjad, gir u kolla tal-*pools*. Kien hemm qbil li x-xoghol isir kif gie suggerit mill-impjegat tal-Beaches.

Dwar il-kiri ta' *hi-up* ghax-xoghlijiet taz-zebgha, gie deciz li tintalab kwotazzjoni lil ta' Said Construction u lil Joseph Portelli.

Il-Kunsill approva li jaghmel il-manutenzjoni tal-hajt mill-*promenade* sal-Bajja tal-Qbajjar .

Dwar hadid perikoluz fil-Bajja ta' Marsalforn, kien maqbul li ssir *site visit* mal-Perit.

Il-Kunsillier Debono talab laqgha mas-Supritendent tal-Pulizija t' Ghawdex.

Is-Sindku qal ghandna nikkunsidraw li l-lokalita` tkun *monitored.*

Gie maqbul li tintbaghat ittra ta' solidarjeta` lis-Sindku ta' Hal Lija.

Is-Sindku gharraf lill-Kamra bil-laqgha li nzammet mal-Kunsill Malti ghall-Isports dwar l-iskema inizzjattivi sportivi. Il-Kunsill iddecieda li ma jkomplix bl-applikazzjoni tieghu.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' *typist chair* u *lighting fittings* (stima ta' €136.65) ghall-Ghassa tal-Pulizija taz-Zebbug.

## korrispondenza

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Komunikat tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar applikazzjoni ta' Chez Amand ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fuq art pubblika. Il-Kunsill oggezzjona ghall-applikazzjoni ta' Chez Amand.

Memo tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iskema Accessibilita` Ahjar fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill iddecieda li japplika taht din l-iskema biex itejjeb l-access ghall-ufficcini tieghu (is-sular ta' mat-triq).

Memo tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-ghoti ta' fondi specjali ghal lokalitajiet bi bzonnijiet specjali. Il-Kunsill qabel li jitlob biex jinghata fondi ghal:

- biex il-gbir ta' l-iskart domestiku gewwa Marsalforn fis-sajf isir darbtejn kuljum.
- l-i*skips on wheels* tal-Kunsill jitbattlu darbtejn kuljum.

ü il-kisi bit-tarmak ta’ parti minn Triq il-Wied u Triq Santa Marija u Triq il-Forn.

Ittra mibghuta mill-MEUSAC dwar fondi ghal zvilupp rurali. Gie deciz li ssir applikazzjoni ghat-tindif u l-bini tal-hitan tal-gibjuni ta’ Marsalforn u tal-Wied tal-Qlajja.

Risposta tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghal l-ittra tal-Kunsill dwar it-talba ghal kumpens tal-Kunsillier Refalo.
Il-Kunsillier Refalo rtira mill-laqgha minhabba l-interess tieghu fit-talba.
Is-Sindku staqsa, il-kantuni li rrefera ghalihom il-Kunsillier Refalo tpoggew mill-Kunsill jew fuq ordni tal-Kunsill?
Staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat bil-kantuni?
Is-Segretarja Ezekuttiva wiegbet li ma kienet tat ebda ordni biex jitpoggew kantuni fi Triq Ghajn Mhelhel u anqas hadd ma kien irrapporta. Qalet li kien cemplilha l-Kunsillier Refalo u nfurmaha bl-incident.
Is-Sindku staqsa, jekk kienx sar rapport mal-pulizija jew mal-gwardjani lokali?
Is-Sindku staqsa, jekk hemmx xhieda u jekk hemmx xi ritratti?
Meta l-Kunsillier Refalo dahal lura ghall-laqgha wiegeb li rapport lill-pulizija ma kienx sar u xhieda ta’ l-incident hemm.
Kien miftiehem li x-xhieda li hemm jingabu ghall-laqgha.

Ittra ta’ Francis Saliba fejn issuggerixxa li jinghata rikonoxximent lill-eks Kunsillieri tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug. Il-materja tkun diskussa l-quddiem.

Applikazzjonijiet ghal *meter* tad-dawl temporanju ta’ Rita Cini biex tarma l-gabbana fix-Xwejni bejn l-1 ta’ Gunju u t-28 ta’ Settembru 2009. Ma kienx hemm oggezzjonijiet ghall-applikazzjonijiet ta’ Cini.

Ittra mibghuta mis-Segretarju tal-Gozo Action Group dwar il-hlas tal-*membership* fil-Kumitat. Il-Kunsill approva l-hlas ta’ €100.

Il-Kunsill approva t-talba tal-Kumpanija Go biex jarmaw il-*mobile retail truck* taghhom f’ Marsalforn – jarmaw fil-*parking area*.

Talba ghal *sponsor* mill-Fondazzjoni Oasi ghall-attivita` ‘Iz-Zaghzugh/a tas-Sena 2009’. It-talba ma kienetx accettata.

Ittra ta’ l-Awtorita` tat-Turizmu dwar ir-*railings* ta’ max-xatt ta’ Marsalforn. Gie deciz li ssir talba lill-Awtorita` tat-Turizmu biex tindika l-ispiza ghall-Kunsill.

Ittra mibghuta mid-Dipartiment ghal Sahha Ambjentali dwar ir-rimi ta’ skart fl-*area* fejn kien hemm l-*open skip* fi Triq is-Saghtrija. Gie deciz li jerga’ jintafa’ t-trab.

Ittra mibghuta mit-Taqsima Indafa Pubblika tal-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-Kuntratt tal-knis u t-tindif tat-toroq. Dwar il-kwistjoni tal-haddiema, kien miftiehem li nitkellmu mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Progetti u Zvilupp.

Il-Kunsillier Refalo pogga fuq il-mejda tal-Kamra ittra anonima li rcieva dwar il-korijiet tal-lokalita`. Is-Sindku qal lill-korijiet, il-Kunsill ihallashom ghas-servizzi li jaghtu.

## Komunikazzjonijiet mill-kunsilliera

Is-Sindku qal fil-granet li gejjin, iridu jsiru l-laqghat tal-lokalita` fiz-Zebbug u f' Marsalforn.

Fuq proposta tas-Sindku, gie deciz li:

- jergghu jithawwlu sigar taz-zebbug fi Triq Wied l-Infern (fejn insterqu).
- ssir lapida ta' l-irham fejn saru x-xoghlijiet tat-tarmak fi Triq il-Qbajjar (it-triq li tghaqqad il-Qbajjar ma' Marsalforn) u tkun inawgurata mill-Kunsill u mbierka mill-Arcipriet fil-presenza tat-tfal ta' l-Iskola Mons Gian Andrea Vella.

Is-Sindku tkellem dwar certu dewmien zejjed mill-Perit tal-Kunsill biex jissottometti certu xoghol.

Is-Sindku qal li ta' Road Construction kissru fanal mill-godda ta' Triq il-Knisja.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' fanal iehor biex jitwahhal fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq il-Kappillan Frangisk Vella.

Il-Kunsillier Camilleri tkellem dwar il-kisi bil-konkos ta' Triq ta' Tutiet. Gie deciz li ghalissa jieqfu bix-xoghol.

Il-Kunsill approva:

- t-tindif mit-tajn ta' Triq Panoramika (it-tajn jintafa' taht il-hajt; jaghmel ix-xoghol Richard Axiaq).
- kisja ta' pulzier u nofs tarmak it-Triq Ta' barda (parti mit-triq).

## Approvazzjoni tal-kontijiet

**Dawn il-pagamenti gew approvata:-**

Xoghlijiet ta' konkos fil-Menqa ta' Marsalforn (Peter Paul Said) €1,312.88
Mera tat-traffiku u kaxxi ghall-avvizi tal-Kunsill (Raphael Refalo) €315.41
*Fuel* u biljett tal-vapur – biex ordna t-*trophies* ghal Jum iz-Zebbug mill-Gudja
(il-Vici Sindku Joe Bajada) €33.15
Ritratti u nkwadri – personaggi mfakkra fil-gimgha ta' Jum iz-Zebbug
(Captured Memories) €44.20
*Fuel – Business breakfast* dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali, Lukanda Excelsior
(is-Sindku Carmelo Saliba) €25.00
Gbir ta' sigra mqaccta fil-*promenade* tal-Qbajjar
(John Zammit) €50.00
Tiswija tal-*merry-go-round* tal-*playing field* taz-Zebbug
(John Zammit) €240.00
Tindif u zamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar –

| | |
|---|---|
| Marzu 2009 (John Zammit) | €288.52 |
| Gbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Marzu 2009 (Louis Attard) | €4,054.37 |
| Provista ta' gebel ghal Triq Ghajn Mhelhel (Louis Attard) | €510.82 |
| Servizz tal-*Wide Area Connectivity* – April – Gunju 2009 (MITA) | €477.58 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) | €261.95 |
| Hart tas-sigar taz-zebbug fi Triq iz-Zebbug (Alfred Attard) | €34.94 |
| Nitolbu lil Savio Saliba stima biex jizbor is-sigar taz-zebbug. | |
| *Electric fittings* ghall-Ghassa tal-Pulizijataz-Zebbug (Joseph Caruana Co Ltd) | €132.03 |
| Xoghol bil-JCB – pedamenti tal-hajt fi Triq Ghajn Mhelhel (Richard Axiaq) | €138.00 |
| Provista ta' konkos ghal Triq Ghajn Mhelhel u Triq Ta' Tutiet (Louis Zammit) | €1,068.00 |
| Spejjez ta' l-ufficcju (Smart Office Supplies Ltd) | €133.33 |
| Servizzi ta' kurrier (Gozo Express Services Ltd) | €28.32 |
| *Fuel* – Laqgha dwar l-Iskema ghall-inizzjattivi sportivi, Sindku u Seg. Ezek., St Venera (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Fuel* – Seminar dwar l-Iskema ta' accessibilita` u opportunitajiet ta' fondi mill-Pjan ta' Zvilupp Rurali, Kunsill Lokali Naxxar (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Fuel* – Laqgha dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali, Berga ta' Kastilja (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Fuel* – Konferenza Stampa, 'Ilwien ir-Rebbiegha', Berga ta' Kastilja (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| Kejkijiet – zjajjar lill-anzjani fil-gimgha ta' Jum iz-Zebbug (Mezzan Bakery Ltd) | €397.80 |
| Tindif ta' l-ufficini tal-Kunsill – Marzu 2009 (Salvina Bajada) | €26.80 |
| *Contract Manager fee* – Marzu 2009 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Marzu 2009 (WasteServ Malta Ltd) | €296.59 |
| Zebgha u bozoz (Joseph Caruana Co Ltd) | €413.51 |
| *Contracts Manager fee* – Frar 2009 (Fortunato Mifsud) | €60.82 |
| Kotba – Jum il-Premjazzjoni, Skola Primarja Zebbug (Miller Distributors Ltd) | €20.65 |
| Servizz ta' *judges* – kompetizzjonijiet ghall-isbah presepji (Ghaqda Hbieb tal-Presepji) | €50.00 |
| Provista u twahhil ta' fanali dekorattivi fl-area ta' Taht ix-Xifer – l-ewwel parti tal-kont (Richard Cauchi) | €2,131.49 |
| Provista u twahhil ta' fanali dekorattivi fl-area ta' Taht ix-Xifer – it-tieni parti tal-kont (Richard Cauchi) | €275.38 |

| | |
|---|---|
| Twahhil ta' fanali dekorattivi fil-Menqa ta' Marsalforn | |
| (Richard Cauchi) | €5,990.62 |
| *Belisha beacon* fi Triq ir-Rabat, Marsalforn | |
| (Richard Cauchi) | €2,626.95 |
| *Belisha beacon* fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn | |
| (Richard Cauchi) | €2,638.04 |
| *Heater* ghall-ufficcju tas-Segretarja Ezekuttiva | |
| (Grech's Central Store) | €69.95 |
| Injam u spejjez ohra ghas-salib li tpogga fil-Pjazza fi zmien ir-Randan | |
| (Ghaqda Armar Santa Marija) | €800.00 |
| Siggu ghall-ufficcju ta' l-iskrivana (Eurodecor Ltd) | €530.00 |

## Riforma kunsilli lokali

Is-Segretarja Ezekuttiva qassmet kopja tad-dokument dwar ir-riforma li ser issir fil-Kunsilli Lokali.

Il-laqgha ntemmet fil-11.30 ta' filghodu. Il-Kunsill Lokali ftiehem li laqgha ohra tinzamm nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2009 fit-8.30 ta' filghodu.

**Carmelo Saliba CLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Ezekuttiva***